Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 12 ta' April 2019**
**(OR. en)**

**8087/1/19**
**REV 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0288(COD)**

**CODEC 843**
**JUSTCIV 100**
**CONSOM 128**
**AUDIO 58**
**DATAPROTECT 114**
**DAPIX 127**
**DIGIT 71**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ċerti aspetti li jirrigwardaw il-kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE, u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv |

1. Fid-9 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq[1].

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-27 ta' April 2016[2].

3. Fil-31 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni emendat il-proposta tagħha[3].

4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta emendata fil-15 ta' Frar 2018[4].

[1] 15252/15.
[2] ĠU C 264, 20.7.2016, p. 57.
[3] 13927/17.
[4] ĠU C 227, 28.6.2018, p. 58.

5. Fis-26 ta' Marzu 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill[5].

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:

– japprova, bl-astensjoni tar-Renju Unit, il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, kif tidher fid-dokument PE-CONS 27/19;

– jiddeċiedi li d-dikjarazzjoni fl-addendum għal din in-nota tiddaħħal fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv ikun adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

5 7720/19.